MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 415/2004

Dr. Andrew Chetcuti Ganado u Raphael Aloisio bhala likwidaturi ta’ Paola Motors Limited (gja Daewoo Malta Limited, gja Univerasal Commerce Agency Limited
vs
Carmelo Calleja u martu Mary Calleja

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi li biha ppremettew:

Peress illi l-konvenuti kienu debituri tal-atturi fl-ammont ta’ sitt elef mija erba’ u disghin liri Maltin u erba’ u sittin centezmi (Lm6,194.64) rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut skond kambjalijiet prezentati mac-citazzjoni. (Dok. A);

Peress li ghalkemm interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut il-konvenuti ma hallsux;

Peress li dan id-debitu kien cert, likwidu u skadut u l-atturiipprezentaw mac-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. B);

L-atturi talbu lill-Qorti biex:

Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi sitt elef mija erba' u disghin liri Maltin u erba' u sittin centezmi (Lm6,194.64) liema ammont kien dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali 9 ta' Mejju 2003 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni . Bl-imghax legali.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.
Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat in-nota ta' ammissjoni li giet prezentata fis-seduta tal-lum 9 ta' Marzu 2005.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidheru gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Fuq ammissjoni tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallus lill-atturi s-somma ta' sitt elef mija erbgha u disghin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm6194.64).

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------